31996R0214

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 214/96
tat-2 ta' Frar 1996
dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3009/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura maqgħuda annessa ma "l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness li jinsab ma" dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament presenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet xierqa tan-NM murija fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista "tibqa" tkun invokata, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [4], għal perjodu ta' tliet xhur mid-detentur;

Billi s-sezzjoni tan-nomenklatura dwar it-tariffa u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tatx opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu fir-rigward tal-prodott Nru 1 fit-tabella annessa;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-sezzjoni tan-nomenklatura dwar it-tariffa u statistika tal-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali fir-rigward tal-prodott Nru 2 fit-tabella annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti mfissra fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet adattati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni obbligatorja dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista "tibqa" tkun invokata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 319, tal-31.12.1995, p. 1.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 253, ta' l-11.10.1993, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni kodiċi NM	Bażi
1	2	3
1. Mżiewed tal-vanilla, li għandhom riħa ħafifa ta' vanilla u alkoħol, imqattgħin f'biċċiet, b'kontenut medju ta' vaniljin ta' 0,14 %, kontenut ta' zokkor ta' 0,6 % skond il-piż u saħħa alkoħolika skond il-massa ta' 8,6 % mas. Il-prodott li minnu l-vaniljin ġie estratt permezz ta' alkoħol, jintuża fl-industrija ta' l-ipproċessar ta' l-ikel, eż. fil-manifattura tal-ġelat.	0905 00 00	Il-klassifika hija stabbilita skond ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bil-kliem tal-kodiċi NM 0905 00 00.
2. Preparazzjonijiet fl-għamla ta' pilloli offruti għall-bejgħ bl-imnut b'informazzjoni dwar id-doża u l-kompożizzjoni, maħsuba għall-użu bħala toniku. Kull pillola ta' 2 gr fiha: — *asparatate* ta' arġenina: 1 gr — *excipients* (aċidu ċitridu, bikarbonat tas-sodju, karbonat tas-sodju, ċitrat ta' didroġenu tas-sodju, zakkarina tas-sodju, oranġjo isfar (E 110), silika ta' kolloide, ħwawar): 1 gr	2106 90 92	Il-klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 1(a) mal-Kapitolu 30 u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 2106 90 u 2106 90 92 Il-prodott huwa ikel supplimentari (ara wkoll Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata, l-intestatura 2106)